

ORJENTAZZJONIJIET

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

LINJA TA' GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-28 ta' Mejju 2009

li temenda l-Linja ta' Gwida BĊE/2006/4 dwar il-forniment ta' servizzi ta' ġestjoni ta' riżervi f'euro mill-Eurosistema għal banek ċentrali u pajjiżi li jinsabu barra ż-żona tal-euro, u għal organizzazzjonijiet internazzjonali

(BĊE/2009/11)

(2009/429/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 12.1, l-Artikolu 14.3 u l-Artikolu 23 tiegħu,

Billi:

- (1) It-tibdil tas-sistema ta' żewġ livelli bil-qafas wieħed għal garanzija eliġibbli komuni għall-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema jehtiegħ l-emenda tad-definizzjoni ta' "riżervi" fil-Linja ta' Gwida BĊE/2006/4 tas-7 ta' April 2006 dwar il-forniment ta' servizzi ta' ġestjoni ta' riżervi f'euro mill-Eurosistema għal banek ċentrali u pajjiżi li jinsabu barra ż-żona tal-euro, u għal organizzazzjonijiet internazzjonali ⁽¹⁾.
- (2) Il-Linja ta' Gwida BĊE/2006/4 għandha tiġi emendata wkoll biex tippovdi għal servizz tal-ġestjoni ta' riżerva tal-Eurosistema speċifika, jiġifieri l-introduzzjoni ta' servizzi ta' depożitu b'terminu fiss fuq bażi prinċipali,

ADDOTTA DIN IL-LINJA TA' GWIDA:

Artikolu 1

Il-Linja ta' Gwida BĊE/2006/4 hija emendata kif ġej:

1. Id-definizzjoni ta' "riżervi" fl-Artikolu 1 hija sostitwita b'li ġej:

— "riżervi" għandha tfisser l-assi eliġibbli f'denominazzjoni euro tal-klijent, jiġifieri flus kontanti u kull titolu finanzjarju li huma inklużi fil-qafas wieħed stabbilit fid-*data-base* tal-assi eliġibbli tal-Eurosistema, li fiha l-assi li huma eliġibbli għall-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema u li hija ppubblikata u aġġornata kuljum fil-websajt tal-BĊE, ħlief għal dawn kollha li ġejjin: (i) kemm it-titoli finanzjarji li jaqgħu taħt il-grupp ta' ħruġ 3 (jiġifieri

kumpanniji li jagħmlu l-ħruġ u oħrajn) kif ukoll, għall-kumpliment tal-grupp ta' ħruġ, it-titoli finanzjarji li jaqgħu taħt il-kategorija ta' likwidità V (titoli sostnuti mill-assi); (ii) assi miżmuma esklussivament sabiex jiġu sodisfatti l-obbligi ta' pensjonijiet u obbligi relatati tal-klijent fir-rigward ta' persunal li kien u li għadu jaħdem miegħu (iii) kontijiet dedikati miftuħin ma' membru tal-Eurosistema minn klijent għall-iskopijiet tal-ippjanar mill-ġdid ta' dejn pubbliku fi ħdan il-qafas ta' ftehim internazzjonali (iv) dawk il-kategoriji ta' assi denominati f'euro kif jiġi deċiż mill-Kunsill Governattiv minn żmien għal żmien."

2. L-Artikolu 2(4)(b) huwa mibdul b'li ġej:

"(b) servizzi ta' depożitu għal perjodu fiss:

— fuq bażi ta' aġenzija, jew

— fuq bażi prinċipali;"

Artikolu 2

1. Din il-Linja ta' Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li adottaw l-euro.
2. Din il-Linja ta' Gwida għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2009.

Magħmul fi Frankfurt am Main, 28 ta' Mejju 2009.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

⁽¹⁾ ĠU L 107, 20.4.2006, p. 54.